MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 835/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Tania Xuereb u zewgha Pierre Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 t'April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm572.00), rapprezentanti import ta' disa' kambjali, wahda ta' Lm12 (bilanc) u tmienja ta' Lm70 –il wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2002 sa' April 2003 rispettivament u mhux imhallsa.

Bl-ispejjes legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 t'April 2003 jammontaw ghal Lm17, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult legali kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm572.00), bl-imghaxijiet kif mitluba

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------